MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2014

Numru. 140/2014

**Artikoli 15 (1) A u 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65,**

**Artikolu 3(2)(c) tal-Kapitolu 104,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**JONATHAN MANGION**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JONATHAN MANGION,** ta’ 25 sena mwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Dicembru 1988 iben Saviour u Francis nee’ Vento, u residenti 58, Triq Hilda Tabone, Birgu u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 563088(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f’xi hin fl-10 ta’ Gunju 2013 f’dawn il-gzejjer:

1. Saq vettura bin-numru ta’ identifikazzjoni xort’ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari, cioe’ ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni Nru: HAU 157 ta’ vettura ohra Toyota Dyna, fuq il-vettura ohra ta’ ghamla Mitsubishi li kien qed isuq;

2. Saq vettura ta’ ghamla Mitsubishi, minghajr ma kienet illicenzjata biex tintuza fit-triq tal-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita dwar it-trasport ta’ Malta;

3. Talli saq vettura ta’ ghamla Mitsubishi minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, Dikjarazzjoni tar-rinunzja ghad-dritt tal-parir Legali mal-avukat, stqarrija u kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Frar, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta 19 ta’ Gunju, 2014 u dakinhar l-imputat ma deherx u l-kawza giet differita ghat-22 ta’ Lulju, 2014 fejn l-imputat rega’ ma deherx u ghalhekk giet differita ghall-25 ta’ Awwissu 2014.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata minn din il-Qorti kif jidher mill-ezami li sar seduta stante nhar il-25 ta’ Awwissu 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu 2014.

Il-Qorti qieset ai fini ta' piena l-ammissjoni bikrija tal-imputat u cioe' kif registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilu waqt il-prezentata. Rat ukoll illi l-imputat ikkolabora mal-Prosekuzzjoni u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ma thossx illi huwa idoneju l-piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l- Artikoli 15 (1) A u 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3(2)(c) tal-Kapitolu 104, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat JONATHAN MANGION hati tal-akkuzi u tikkundannah multa ta' elfejn u hames mitt Ewro (€ 2,500).**

**Inoltre, tordna skwalifika tal-licenzji tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta' sena mill-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------